MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 306/2000/1

**Carmelo Scerri**

**vs**

**Esther Darmanin**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Lulju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:

1. Thallas lill-attur is-somma ta' hames mija tnejn u erbghin lira wiehed u tmenin centezmu (Lm542.81,0) bhala danni minnha kkagunati u subiti mill-attur in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Zabbar fl-4 ta' Dicembru, 1999 meta waqt li hi kienet qed isuq il-vettura Nru EAZ 817 habtet mal-vettura Nru GAN 039, propjeta' tal-attur u misjuqa minnu – previa dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hi kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Frar 2000, dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 2000, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mis-17 ta' Frar 2000, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-6 t'April tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghall-incident tal-4 ta' Dicembru 1999 li sehh gewwa Haz-Zabbar bejn il-vetturi GAN 039 u EAZ 817 huwa unikament responsabbli l-attur stante li kien imprudenti, negligenti u traskurat u naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku bil-konsegwenza li sehh l-incident imsemmi;

2. Illi l-konvenuta bl-ebda mod ma kienet imprudenti jew negligenti jew naqset li tosserva r-regolamenti tat-traffiku u ghaldaqstant mhi bl-ebda mod responsabbli ghall-istess incident;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta datata wkoll is-6 t'April tas-sena 2002 li permezz taghha ppremettiet u talbet is-segwenti:

Premess illi fl-4 ta' Dicembru 1999 gewwa Haz-Zabbar sehh incident awtomobilistiku meta waqt li l-attur kien qed isuq l-vettura bin-numru GAN 039 huwa habat fil-vettura EAZ 817 misjuqa mill-konvenuta;

Peress illi l-istess incident sehh minhabba imprudenza, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn naha tal-attur;

Peress illi allura l-attur huwa unikament responsabbli ghal dan l-incident u ghad-danni li sofriet il-konvenuta;

Peress illi d-danni li sofriet il-konvenuta f'dan l-incident jammontaw ghall-sitt mija u disa u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (Lm639.75,0);

Jghid ghalhekk l-istess attur ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara l-attur responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Dicembru, 1999;

2. Tiddikjara illi d-danni li sofriet l-konvenuta fl-istess incident jammontaw ghal sitt mija u disa u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm639.75,0);

3. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' sitt mija u disgha u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm639.75,0) rapprezentanti danni li sofriet il-konvenuta fl-incident tal-4 ta' Dicembru ta' l-1999;

4. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Marzu 2000 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-attur bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mill-1 ta' Marzu 2000 kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur datata l-24 ta' April tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta:

1. L-ewwel talba tal-konvenuta ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-attur eccipjent izda gara unikament tort tal-istess konvenuta;

2. Illi t-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur il-konvenuta;

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-attur eccipjent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-konvenuta;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Rat ukoll in-nota ta' l-attur datata t-22 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha rriduca t-talba tieghu ghall-hames mija u tnejn u tletin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu, (Lm532.68,0);

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sitetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-incident in dizamina sehh fl-4 ta' Dicembru ta' l-1999 ghall-habta tas-1.05 a.m. gewwa Triq ix-Xghajra, Haz-Zabbar;

2. Illi l-vetturi involuti kienu wahda tal-marka Isuzu Trooper bin-numru ta' registrazzjoni GAN-039 misjuqa mill-attur Carmelo Scerri u l-ohra tal-marka Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni EAZ-817 misjuqa mill-konvenuta Esther Darmanin;

3. Illi t-triq in dizamina hi wahda li fiha jghaddi t-traffiku fid-direzzjoni opposti minn u lejn Haz-Zabbar;

4. Illi jirrizulta li l-vetturi involuti f’dan l-incident kienu qed isuqu f’direzzjoni opposti u ghalkemm il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hi pjuttost wiesgha u tippermetti lit-traffiku jipprocedi b’kumdita’ xorta sehh l-incident de quo;

5. Illi l-attur jirrizulta li sofra danni komplessivi ammontanti ghal hamset mija, tnejn u tletin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu, (Lm532.68,0), metri l-konvenuta ssostni li sofriet danni komplessivi ammontanti ghal sitt mija u disa’ u tletin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (Lm639.75,0);

Ikkonsidrat:

Illi ma jirrizultax li l-vizwali tal-konducenti tal-vetturi fuq indikati kienet b’xi mod ostakolata;

Illi ghalhekk, galadarba t-triq de quo kienet tippermetti li z-zewg vetturi jinstaqu bil-kumdita’ tikkonkludi li l-incident in dizamina seta’ facilment jigi evitat;

Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi in parte t-talbiet reciproci tal-partijiet:

1. Tiddikjara kemm lill-attur Carmelo Scerri kif ukoll lill-konvenuta Esther Darmanin ugwalment responsabbli ghall-incident meritu ta’ din il-procedura;

2. Tillikwida d-danni sofferti bil-mod segwenti:

a. Carmelo Scerri: fl-ammont ta’ hames mija u tnejn u tletin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu, (Lm532.68,0);

b. Esther Darmanin: fl-ammont ta’ sitt mija u disa’ u tletin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (Lm639.75,0);

3. Tikkundanna lill-attur Carmelo Scerri biex ihallas lill-konvenuta Esther Darmanin l-ammont ta' tlett mija u dzatax il-lira Maltin u seba' u tmenin centezmu, (Lm319.87,0), bl-imghaxijiet skond il-ligi u lill-konvenuta Esther Darmanin biex thallas lill-attur Carmelo Scerri l-ammont ta' mitejn u sitta u sittin Lira Maltin u erba' u tletin centezmu, (Lm266.34,0), bl-imghaxijiet skond il-ligi, bl-ispejjez ta' din il-procedura jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet."

L-aggravju ewlieni u principali ta' l-attur kontra s-sentenza jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti ma tatx debitu piz u attenzjoni lill-iskizz rapprezentanti d-dinamika tal-incident. Huwa infatti jenfasizza illi l-fattur vitali ghas-soluzzjoni tal-kaz kellu jigi proprju ricerkat mill-kontenut tal-iskizz, in kwantu mill-posizzjoni tal-vetturi, kien possibli li jigi determinat liema wahda miz-zewg verzjonijiet kienet l-aktar attendibbli.

Il-Qorti hi ben konxja mill-fatt illi f'kazijiet ta' incidenti stradali l-Qorti ssib ruhha spiss drabi konfrontata minn zewg versjonijiet kontrastanti u konfliggenti. Jinhass ghalhekk il-bzonn illi mill-fatti kaptati fil-process il-Qorti tittanta tikkostruwixxi d-dinamika ta' l-incident fuq il-bazi ta' dawk l-indikaturi li jirrizultawlha.

Il-Qorti tara li f'kazijiet ta' din ix-xorta l-indagini li kien jenhtiegilha ssir tikkoncerna r-ragunijiet li ghalihom il-kontendenti, permezz ta' talba u kontro-talba, jaskrivu lil xulxin il-htija ghall-kollizjoni.

L-attur jikkontendi illi l-iskizz jaghtih soljiev ghax mill-posizzjoni tal-karozzi rispettivi jiddemostra illi l-konvenuta kienet qed issuq fuq in-naha tieghu tat-triq, b'mod li mblokkatlu l-via u holqitlu ostakolu. Huwa jilmenta, u forsi mhux ghal kollox minghajr raguni, illi l-ewwel Qorti injorat ghal kollox il-prova vitali tal-iskizz li fuqu hu invece jibbaza unikament ruhu biex jaskrivi htija lill-konvenuta.

Minn naha taghha l-konvenuta appellata tissenjala l-importanza tal-kondotta tas-sewqan ta' l-attur appellant, anterjuri ghall-habta. Hi difatti ssostni illi qabel il-kollizjoni

osservat lill-attur iserrep. Hi waqfet u l-attur baqa’ diehel fuqha, n-naha tal-passiggier tal-car taghha. Bl-impatt il-karozza taghha giet traxxinata lura. Fuq kollox, hi tikkontesta l-iskizz redatt mis-surgent billi, bis-sostenn ta’ zewgha Donald Darmanin (fol 55) li kien passiggier fil-car u tax-xhud Emanuel Attard (fol 66), tirribatti l-argoment illi fil-mument antecedenti ghall-incident hi kienet qed issuq in vjolazzjoni tar-regolamenti; anzi, ssostni, illi l-car taghha, kuntrarjament ghal kif murija fl-iskizz, kienet maqtugha l-barra mill-bankina xi pied jew pied u nofs u allura kellha tkun indikata fuq in-naha t-tajba tat-triq perkorsa minnha.

Issa huwa indubitat illi f’kazijiet ta’ kollizjoni l-iskizz dejjem gie meqjus bhala element importanti tal-provi, ad eccezzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn ikun jidher ovvju illi dan ma jkunx gie redatt sewwa u jkun jonqsu indikazzjonijiet li ma jistghux jitqiesu traskurabbli. L-importanza ta’ dan id-dokument giet ravvizata anke fil-kaz fejn dan ma jkunx gie mahluf mis-surgent li rredegieh.

Hekk gie rimarkat illi anke fejn dan hu l-kaz, eppure “hu wkoll veru li dan gie preparat in situ a tempo vergine u hadd ma ressaq dubbju dwar l-integrita` tas-surgent. Dan tal-ahhar huwa recorder tar-‘res gestae’ u hu fid-dover qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti rilevanti kif irrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta’ l-okkorrenza. Allura meta skizz ikun maghmul b’mod professjonali, u fejn indikat, to scale jew almenu b’ezatezza, l-qisien importanti, u ma jkunx hemm kontestazzjoni dwaru mill-partijiet in kawza, dan l-iskizz ghandu jittiehed li jaghmel prova ta’ dak li juri” – “**Carmel Camilleri –vs- Leone Pillow**”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997.

L-appellanti jiehu spunt minn dan biex jaghmel mill-iskizz dawk l-inferenzi li hu jidhirlu li huma pertinenti. Inter alia, illi:-

(i) il-kejl kien skalat u jirreproduci dak li rrizulta lis-surgent wara l-habta;
(ii) dan il-kejl sar fil-presenza tal-partijiet;

(iii) l-indikazzjoni tal-posizzjoni tal-vetturi hi xiehda tal-fatt illi l-konvenuta ma kienetx qed issuq fuq il-“proper side” fil-hin tal-incident.

L-istess appellanti jirrileva wkoll illi s-surgent huwa xhud indipendenti u “al di sopre delle parti”. Konsegwentement jiddeduci illi l-prova kuntrarja trid tkun qawwija, oggettivament fondata, u bazata fuq ragunijiet probatorji li gravament iqeghdu fid-dubju l-verifiki u accertamenti provanti mill-iskizz. Sa hawn din is-sottomissjoni mhiex priva mill-konsiderazzjoni ragjonata in materja ta’ provi u tal-apprezzament dwarhom.

Minn naha l-ohra din il-Qorti ma tistax titraskura l-prova emanenti mill-verzjoni tal-konvenuta fejn bil-korroborazzjoni tax-xhieda tikkontesta l-iskizz u fejn ukoll taddebita sewqan traskurat fl-attur appellant bil-mod kif kien qed jisserpeggja qabel l-impatt.

Issa jekk hu veru li l-attur ghamel il-manuvri li jissemmew mill-konvenuta, fatt dan li din il-Qorti ma tistax leggerment tinjorah, gjaladarba wkoll ma jinsabx zmentit mill-attur, il-Qorti tifhem li l-isserpeggjar seta’ kkonfonda lill-konvenuta dwar x’kienet l-intenzjoni tal-attur. Kienet allura gustifikata li twaqqaf il-car taghha, anke minghajr ma tersaq lejn is-side taghha, accettanti l-iskizz. Diversament, kif taraha din il-Qorti f’sitwazzjoni bhal dik, in vista tal-allegat isserpeggjar, tant kieku baqghet miexja kemm kieku ressqet aktar lejn in-naha taghha tat-triq, hi kienet xorta wahda timblokka lill-attur.

Ma jistax ikun dubitat illi kieku l-konvenuta segwiet strettament in-naha taghha tat-triq, l-attur kien f’cirkostanzi normali jkollu l-ispazju kollu liberu minn fejn jghaddi. Minn naha l-ohra pero’ lanqas jista’ jkun dubitat illi l-mod ta’ sewqan antecedenti tal-attur kien tali li kkonstringa lill-konvenuta tarresta l-vettura u b’hekk iggeghla tadotta soluzzjoni li f’dak il-mument hi dehrilha ragjonevoli. Soluzzjoni li pero`, sfortuntatament, ma swiet ghal xejn billi l-habta ma gietx evitata u, anzi, sehhet xorta wahda.

Il-Qorti tistqarr illi dan il-kaz ippreokkupa mhux ftit, partikolarment meta wiehed jikkonfronta l-iskizz mal-asserzjoni tal-konvenuta dwar il-kondotta tas-sewqan tal-attur. Asserzjoni li in vista ta' dak elucidat mill-iskizz setghet a prima vista titqies potenzjalment debboli u ghalhekk meritevoli li tigi skartata. Ciononostante hi l-fehma tal-Qorti illi din l-istess osservazzjoni tircievi korroborazzjoni mill-fatt tad-danni fuq il-car taghha, u precizament in-naha xellugija taghha, kif evidenzjat mir-ritratti, u li turi mill-qawwa tal-impatt fuq din in-naha illi l-attur ma kellux ghal kollox il-kontroll effettiv tal-vettura tieghu fil-mument prossimu ghall-kollizzjoni.

Huwa pacifiku illi driver li jsuq minflok fuq ix-xellug tat-triq, kif iridu r-regolamenti, fuq il-crown of the road jew addirittura fuq in-naha hazina tat-triq, mhux deciziv ghas-soluzzjoni tal-kwestjoni liema driver kien il-htija tal-kollizzjoni. Fuq l-awtorita` tal-Gibb ("Motor Acident Cases" p.32, "*the violation of the rule of the road is not conclusive evidence of negligence. Such a violation will not bar a party's recovery unless it was the proximate cause of the injury*". Ara a propozitu fuq dan is-suggett decizjonijiet fl-ismijiet "**Il-Pulizija –vs- Anthony Galea**", Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953; "**Dr. Louis Bianchi nomine –vs- Roberta Patiniott**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997 u "**Lawrence Caruana –vs- Anthony Falzon**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001.

Anke jekk ghal motivi differenti minn dawk raggunti mill-ewwel Qorti, hi l-konvinzjoni ta' din il-Qorti illi l-konvenuta certament ikkontribwiet ghall-incident billi ostruwiet il-passagg tal-attur li pero` minn naha tieghu kkontribwixxa billi ma zammx taht id-debitu kontroll il-vettura tieghu b'mod li nvesta lill-konvenuta.

Huwa del resto principju ben akkolt fil-ligi illi min ikun qieghed isuq vettura ghandu jadopera dawk il-mezzi kollha biex jigu evitati anke il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' haddiehor. Jekk ma juzahomx ikun hu wkoll legalment responsabbli. Ghax kif ahjar insenjat, "il regolamento non ha per ispirito di permettere a chi pur si attinesse alle sue varie disposizioni di cagionare impunemente danni ad

altri, quando tali danni si potessero da costui prevenire ed impedire" – "**Bernardo Zammit –vs- Rev. Dun Edgardo Salomone**", Appell, Sede Inferjuri, 2 ta' Frar 1928.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis ugwalment bhall-Qorti ta' l-ewwel grad, anke jekk ghal motivi diversi, illi r-responsabilita` ghall-incident ghandha tigi spartita bejn iz-zewg kontendenti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez gudizzjarji ghandhom ibatuhom iz-zewg kontendenti fi kwoti ndaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------